# Il-Politika tal-Bniedem

*Olivia Borg tintervista lil Maria Grech Ganado*



Minkejja li hija magħrufa l-aktar fil-qasam tal-kitba tal-poeżija, Maria Grech Ganado aktar tħobb taqra l-proża u x-xewqa tagħha hija li tikteb rumanz. Għaliha l-kitba hija ħaġa naturali "bħal meta wieħed jieħu nifs hux jiġifieri ma noqgħodx naħseb 'ħa nieħu nifs' u 'għaliex se nieħu nifs.'"

Imwielda fl-1943, Maria ppubblikat 6 ġabriet ta' poeżiji li 3 minnhom huma bl-Ingliż. Fl-1999 ippubblikat *Iżda Mhux Biss* li rebħet l-ewwel post fil-Premju Letterarju fit-taqsima tal-poeżija fis-sena 2000. Fl-2001 ippubblikat *Skond Eva* u fl-2005 ħarġet *Fil-Ħofra Bejn Spallejha* li hija ġabra ta' poeżiji miktuba bejn l-2001 u l-2004. Il-ġabriet bl-Ingliż huma *Ribcage* (2001), *Cracked Canvas* (2005) u *Memory Rape* (2005).

Maria tisħaq bil-qawwa kollha fuq il-qarrejja impenjati, jiġifieri l-qarrejja li ladarba jaqraw it-test jibqgħu jaħsbu fuqu u mhux ikollhom il-konklużjonijiet diġà lesti fit-test; it-tmiem miftuħ. Grech Ganado tqis l-identifikazzjoni tal-qarrejja ma' dak li tikteb hi bħala fattur importanti ħafna u għalhekk il-bniedem jinsab fil-qofol tal-poeżija tagħha. Għal Grech Ganado l-aqwa kumpliment jasal meta xi ħadd jgħidilha "kemm jogħġbuni l-poeżiji tiegħek, jesprimu eżatti kif inħoss jiena, kemm nixtieq naf nitkellem hekk!"

Minkejja li tirrappreżenta waħda mill-vuċijiet femministi fil-letteratura Maltija u minkejja li Peter Serracino Inglott jemmen li fil-poeżija tagħha hemm "il-protesta femminista li tinstema' bejn il-linji, fis-silenzju ta' bejniethom," hi ma tqisx lilha nfisha bħala femminista. "Jekk ikun raġel iswed, niġġieled għad-drittijiet tal-proxxmu, jekk tkun mara, niġġieled għad-drittijiet tal-mara. Imma minħabba l-prinċipju li n-nies kollha twieldu ugwali." Minħabba f'hekk tenfasizza li l-persona tal-mara fil-poeżiji tagħha tiffoka fuq l-esperjenza tagħha bħala bniedma u mhux bħala mara. Il-poeżiji "m'humiex qegħdin hemm ħalli nieħu pożizzjoni politika. Il-politika tiegħi hija għad-dritt tal-bniedem u l-bniedma. Jiena waħda minn dawk illi għandi dil-passjoni għall-ġustizzja u dil-passjoni għal-libertà tal-bniedem li jesprimi ruħu."

"Ma rridx ngħid "il-mara" jew "il-bniedma." Irrid ngħid l-umanità kollha. Ma rridx nifframmenta l-umanità fi bniedem u bniedma. Issa hawn ħafna nisa qed jiktbu fl-aħħar fl-aħħar, kważi kważi iżjed nisa milli rġiel li qatt ma kienet għax issa hemm l-edukazzjoni għalihom ukoll hux."

Fil-poeżiji ta' Maria hemm nisa differenti? Jew mara waħda f'mumenti u f'esperjenzi differenti? "Naħseb iżjed ta' l-aħħar però jkun hemm sitwazzjonijiet li jien m'għaddejtx minnhom, li nisma' fuqhom jew naqra

fuqhom u nimmaġinani kieku kelli ngħaddi jien, per eżempju xi poeżija ta' omm li tilfet lil binha waqt il-ġlied," tissokta Maria.

Staqsejt lil Maria x'wassalha biex tikteb il-poeżija u liema kienet l-ewwel poeżija li kitbet. Tistqarr li fil-bidu kienet tqabbel. "Jien dik inħobbha ħafna u bqajt nagħmilha sa llum, qisha konverżazzjoni jew djalogu bejn in-nies bil-poeżija." L-ewwel poeżija li kitbet kienet "Gaea." Staqsejt lil Maria liema huma t-temi li l-aktar jippreokkupawha u allura tħoss li għandha tagħtihom spinta f'xogħlijietha. "Jien naħseb l-iżjed waħda li nista' nitkellem fuqha għax hija dik li tinkludi l-oħrajn kollha hija preċiżament il-frammentazzjoni tal-potenzjal uman. Issa meta ngħid 'uman' qed nuża 'uman' bħal per eżempju s-siġar u l-annimali ma jagħmlu xejn ħalli jħassru l-abitat naturali tagħhom. Huwa l-annimal uman li jifframenta kollox. It-tema, kemm l-ambjent, kemm in-nuqqas ta' ftehim, kemm in-nuqqas ta' viżjoni bejn in-nies, il-fatt illi n-nies jitkellmu fuq id-dritt ta' kulħadd li jkollu l-opinjoni tiegħu u mbagħad mhux lesti jaċċettaw id-differenzi ta' ħaddieħor, dawn huma kollha parti minn dik il-ħaġa tal-frammentazzjoni. Jien naħseb li l-iżjed ħaġa li tinteressani u għalhekk inħobb il-metafora għax il-metafora tara dak li hu simili b'dak li ma jidhirx simili hija preċiżament il-fatt li kulħadd għandu relazzjoni ma' kulħadd u kollox għandu relazzjoni ma' kulħadd ukoll. U flok infittxu l-pożittiv qegħdin inċedu wisq malajr f'dil-ħajja mgħaġġla u materjali għax il-materjal qatt ma jġib kuntentizza."

"Jien naħseb li jiena mhux ifframmentata imma għandi kif qal Kristu "fid-dar ta' missieri hemm ħafna kmamar" u ma nistax ngħid l-iżjed waħda li jien. Hemm il-"jien" irrabjata, hemm il-"jien" li tħobb 'l uliedha, hemm il-"jien" li hi rrabjata anki m'uliedha, hemm ċerta poeżiji qas għadhom ħarġu fejn assolutament nesprimi…kollox. Infatti għandi poeżija bil-Malti qiegħda miktuba għal poeta ieħor li hemm mitt ħalq ġo fih imma tapplika għalija wkoll naħseb," tkompli Maria.

Maria ma tagħmilx distinzjoni bejn l-esperjenza u l-poeżija jew bejn ir-realtà u l-fantasija. "Jien ma nemminx li teżisti realtà oġġettiva għax anki jekk per eżempju Allaħares qatt ikun hemm kraxx, ir-realtà tiegħi jekk hu bniedem ma nafux ħaġa, jekk hu bniedem li nafu ħaġ'oħra, jekk hu xi tifel jew t-tifla tiegħi ħaġ'oħra, jiġifieri ġà fir-realtà hemm perspettivi differenti." Staqsejt lil Maria jekk tikkonsidrax il-poeżiji tagħha bħala ottimistiċi, pessimistiċi, nostalġiċi jew ta' protesta. "Kollox. Kollox, kollha parti tal-mitt ħajja tiegħi hux. Però bħala bniedma pożittiva ħafna jien. Xi drabi nistagħġeb bija nnifsi però meta nikteb irrabjata jkun ta' terapija wkoll hux" qaltli minnufih Maria.

F'ħafna mill-poeżiji ta' Maria toħroġ vuċi kumplessa li hija rifless tal-burdati differenti li jgħaddi minnhom il-bniedem u fl-istess waqt simbolu ta' maturità kbira. Għaliex il-poetessa tagħżel li tuża din il-vuċi? "Jiena ma nagħżilx li nuża, jiena nikteb poeżija għalija. Ma niktibhiex għal ħaddieħor. Jiena jiġuni per eżempju rrabjata, poeżija rrabjata, kuntenta, poeżija kuntenta, irrabjata

fuq l-ambjent, ikteb fuq l-ambjent. Però jkun hemm ukoll żminijiet bħal meta ktibt "Gaea" fejn qishom ikunu ħafna wajers u jagħmlu fuse u jiġi d-dawl fejn il-frammenti jidhru kollha flimkien. Ħafna drabi nħoss li ħaġa mhux ġejja minni. Ma nħossnix li jiena qed noħroġhom imma ħaġa li nagħti ħafna kas hija l-armonija u l-koordinazzjoni tal-kitba u tal-kelma."

"Jien nikteb poeżija mingħajr ma naħseb x'qed nikteb jew hekk, imbagħad inħalliha toqgħod jumejn u mbagħad nibda nara x'ħiereġ minnha u mbagħad inħalliha toqgħod xi ġimagħtejn u nerġa' nħares. Għalhekk xi drabi fit-traduzzjonijiet li nagħmel m'iniex kuntenta bihom għall-Ingliż għax ma jagħtunix ċans li joqogħdu" tissokta Maria.

Staqsejt lil Maria jekk għandhiex xi poeżija favorita mill-ġabriet *Iżda Mhux Biss* (1999), *Skond Eva* (2001) u *Fil-Ħofra Bejh Spallejha* (2005). "Fl-ewwel waħda "Larinġa" u t-tieni waħda *Skond Eva* jgħidu li l-isbaħ waħda li hemm "Żigarella" u t-tielet waħda "Ma Niftakar Xejn" li qiegħda fuq l-ambjent. Fit-tielet ġabra togħġobni wkoll "Fantażma" avolja qiegħda surreali. Il-poeżiji tiegħi iżjed ma jmorru qed isiru iżjed surreali."

"Il-lingwa tagħna bbażata wkoll fuq ħafna għidut jew affarijiet metaforiċi. U meta kont żgħira kont affaxxinata minn dik li tista' tgħid "jekk tmur is-suq u jagħtik ħass ħażin x'tagħmel?" Li tista' tkun jew is-suq qiegħda tixtri jew tkun issuq, qiegħda ssuq u ħass ħażin jew tiġi ħassa jew timrad. U dik kienet taffaxxinani u mela bdejt nagħmilha jiena wkoll li ħafna drabi meta tiġini linja bil-Malti tkompli waqt li jiena qed nagħmel esplorazzjoni lingwistika kif din tista' tintuża f'kuntesti oħra li terġa' niġu lura għall-frammentazzjoni qed tipprova ssir universali" ttemm tgħid Maria.

*Olivia Borg kitbet teżi tal-Baċellerat fl-Arti dwar "Il-Vuċi ta' Mara fil-Poeżija ta' Maria Grech Ganado."*

Dan l-artiklu deher fil-paġna letterarja tal-ħarġa tal-21 ta' Frar, 2009, tal-gazzetta *Il-Ġensillum*.